MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2020

Appell Inferjuri Numru: 463/2018/1 LM

**Concorde International Freight Forwarders Limited (C11393)**
*Appellanta*

***vs.***

**360 Retail Supplies Limited (C64990)**
*Appellata*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mis-soċjetà **Concorde International Freight Forwarders Limited** [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà rikorrenti"] mis-sentenza tad-9 ta' Mejju, 2019, [minn issa 'l quddiem "is-sentenza appellata"], mogħtija

mit-Tribunal Għal Talbiet Żgħar, [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"], li permezz tagħha ddeċieda:

> *"… billi jilqa' limitatament l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta sakemm kompatibbli mas-surreferit u jiċħadhom għall-bqija u konsegwentement jilqa' wkoll limitatament it-talba attriċi, jiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà attrici għat-talba rikonvenzjonali u jilqa' l-istess kontro-talba fis-somma mitluba ta' sitt mitt euro (€600). Konsegwentement bi tpaċija bejn iż-żewġ partijiet, it-Tribunal qiegħed jikkundanna lis-soċjetà konvenuta thallas lis-soċjetà attriċi s-somma bilanċjali tat-talba ammontanti għal elf, mitejn u sitta u tmenin euro (€1,286) bl-imgħaxijiet jibdew jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza. Tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ spejjeż relattivi għat-talba jiġu sopportati in kwantu għal terz mis-soċjetà attriċi u żewġ terzi mis-soċjetà konvenuta filwaqt li l-ispejjeż relattivi għall-kontro-talba jiġu sopportati interament mis-soċjetà attriċi."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti ta' din il-kawża jirrigwardaw ħlas ta' servizzi ta' ġarr ta' merkanzija reżi mis-soċjetà rikorrenti lis-soċjetà intimata **360 Retail Supplies Limited**, [minn issa 'l quddiem "is-soċjetà intimata"], f'Lulju u f'Awwissu tas-sena 2017 u sussegwentement ukoll f'April, f'Mejju u f'Ġunju tas-sena 2018. Is-soċjetà intimata qiegħda tikkontendi li f'Lulju, 2017, ma kinetx saret il-kunsinna kollha tal-merkanzija u għalhekk qiegħda tippretendi rifużjoni tal-valur tagħha stante li kellha ssir l-ordni mill-ġdid.

**Mertu**

3. Is-soċjetà rikorrenti kienet istitwiet dawn il-proċeduri kontra s-soċjetà intimata permezz tal-preżentata ta' avviż quddiem it-Tribunal fejn talbet l-imsemmi Tribunal sabiex:

*"1. Jiddikjara illi l-kumpannija rikorrenti biegħet u konsenjat prodotti fil-25 t'April 2018, fit-22 ta' Mejju 2018 u fil-5 ta' Ġunju 2018 u nkorriet diversi spejjeż fuq inkarigu tal-intimata.*

*2. Jiddikjara li l-ħlas dovut li l-kumpannija rikorrenti mill-intimata għal dan is-servizz jammonta għal elf, tmien mija u sitta u tmenin Euro (€1,886).*

*3. Jikkundanna lill-intimata sabiex tħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, tmien mija u sitta u tmenin Euro (€1,886), kif hawn fuq spjegat.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħax legali kontra l-intimata li minn issa hija inġunta in subizzjoni."*

4. Is-soċjetà intimata ppreżentat ir-risposta tagħha fejn eċċepiet is-segwenti:

*"1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2. Illi s-soċjetà attriċi naqset mill-obbligi tagħha f'ordni anterjuri fejn naqset milli twassal il-merkanzija kollha u għalhekk hemm lok għar-rifużjoni ta' somma, liema pretensjoni tifforma l-bażi tal-kontro-talba hawn magħmula.",*

u dan filwaqt li ressqet kontrotalba fejn it-Tribunal ġie mitlub sabiex:

*" … jikkundanna lis-soċjetà rikonvenzjonata s-somma ta' sitt mitt Euro (€600), kif ukoll somma oħra rappreżentanti spejjeż inkorsi mis-soċjetà rikonvenzjonanti sabiex iġġib merkanzija mitlufa mis-soċjetà rikonvenzjonata, kif sejjer jiġi pruvat. Ai fini ta' kompetenza jingħad li l-ammont globali ma jeċċediex il-€5,000. Bl-ispejjeż u imgħax."*

5. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ir-risposta tagħha fejn talbet lit-Tribunal sabiex jiċħad il-kontrotalba għal dawn ir-raġunijiet:

*"Illi t-talbiet tas-soċjetà intimata huma infondati fil-fatt u fid-dritt ;*

*Illi mhuwiex minnu illi s-soċjetà esponenti naqset milli twassal il-merkanzija kollha;*

*Illi huwa ben ċar illi m'hemmx lok għal xi ħlas minn naħa tar-rikorrenti, wisq anqas xi lok għal rifusjoni.".*

**Is-Sentenza Appellata**

6. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2019, it-Tribunal ċaħad limitatament l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà intimata u għalhekk laqa' wkoll limitatament it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti filwaqt li laqa' l-kontrotalba tas-soċjetà intimata fis-somma ta' €600 u ċaħad l-eccezzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti rikonvenzjonata wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"Illi jirriżulta ċar li t-talbiet tas-soċjetà attriċi jirrigwardjaw prezz ta' servizzi ta' ġarr ta' merkanzija liema servizz is-soċjetà attriċi wettqet fuq inkarigu tal-istess soċjetà intimata fid-dati indikati fl-istess avviż ossija fil-25 t'April, 2018, 22 ta' Mejju, 2018 u 5 ta' Ġunju, 2018.*

*Illi permezz tal-eċċezzjonijiet imressqin minna, s-soċjetà konvenuta ma jidhirx li tikkontesta dan il-fatt imma tirreferi għal ordni anterjuri għal dawn id-dati fejn is-soċjetà attriċi naqset milli twassal il-merkanzija kollha. Dan kollu jirriżulta wkoll mill-affidavit ta' Jonathan Sciberras li jispjega kif, wara l-inċident mertu tal-kontro-talba,* "huwa minnu li s-soċjetà tiegħi reġgħet inkarigat lis-soċjetà rikorrenti sabiex isir xogħol ieħor iżda dejjem ippretendejt li ta' dan in-nuqqas u f'dan is-sens nirreferi għax-xogħol mitluf, jiena niġi kkumpensat. Għad li tlabt għal dan il-hlas, dan qatt ma sar. Għalhekk nagħlaq billi ngħid li meta rċevejt din il-kawża kont erġajt staqsejt x'sejjer jiġri bil-merkanzija oriġinarjament mitlufa iżda bqajt mingħajr risposta."

*Konsegwentement huwa ċar li l-mertu tal-azzjoni odjerna huwa ristrett għall-kwistjoni dwar jekk hemmx lok għal tpaċija bejn is-somom mitlubin mis-soċjetajiet kontendenti rispettivi.*

*Illi a sostenn tat-talba tas-soċjetà attriċi, Nicholas Xerxen in rappresentanza tas-soċjetà attriċi jezebixxi Gatt Pass-Out datata 23 t'April, 2018, Delivery Order datata 21 ta' Mejju, 2018 u Delivery Order oħra datata 5 ta' Gunju, 2018 ilkoll debitament iffirmati. B'referenza għall-eċċezzjoni konċernanti merkanzija mitlufa u l-konsegwenti kontro-talba l-istess xhud, permezz tal-affidavit tiegħu, jirreferi għal ordni datata 7 ta' Settembru 2017 u jikkontendi li s-soċjetà attriċi diġà tħallset għaliha. In kontro-eżami huwa jgħid li, fir-rigward ta' din il-merkanzija mitlufa* "s-soċjetà intimata kienet infurmatna sussegwentement li kien hemm xi merkanzija li kienet nieqsa però aħna bbażajna ruħna fuq il-firma tagħhom li kienet tindika li l-merkanzija kienet ġiet *received in good order and condition". F'dan ir-rigward huwa l-ewwel jgħid li tali dokument ma jinsabx ezebit in atti u mbagħad li dan id-dokument huwa d-**<u>delivery order ezebita a fol. 6</u>** tal-proċess. Din id-*delivery order *effettivament tinsab iffirmata minn ċertu Thomas Butterworth (impjegat tas-soċjetà konvenuta kif konfermat mir-rapprezentant Sciberras ta' din tal-aħħar in kontro-eżami) fis-17 t'Awwissu, 2017 fis-sens illi dan irċieva 4* pallets in good order and condition. *Madankollu huwa ċar li, loġikament, din l-ordni ċertament li m'hijiex l-istess waħda li Xerxen jirreferi għaliha fl-affidavit tiegħu u li, skont hu, kienet datata 7 ta' Settembru, 2017 u dan għaliex din ir-riċevuta hija datata **<u>qabel</u>** id-data ta' din l-ordni.*

*Illi da part tiegħu, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta Jonathan Sciberras jirreferi għal ordni konċernanti żewġ pakketti u żewġ pallets u fejn ix-xufier tiegħu ġabar żewġ paletti mingħajr il-pakketti. Huwa jixhed li:* "Ix-xogħol ġie lura l-maħżen tiegħi u x'ħin sar rendikont ta' dak li wasal indunajt li kien hemm żewġ pakketti neqsin." *Il-kontro-talba tas-soċjetà konvenuta għaldaqstant tirreferi għall-kumpens tal-merkanzija mitlufa fl-ammont ta' sitt mitt euro (€600) liema ammont jinsab konfermat ukoll mill-ordni li tinsab eżebita in att bħala Dok. X. Annessi mal-istess affidavit ta' Sciberras hemm diversi* emails *inkluża waħda datata 8 t'Awwissu, 2017 li permezz tagħha Omar Borg a nom tas-soċjetà attriċi jikkonferma li kellhom jinġabru żewġ* pallets *u wkoll żewġ pakketti a konferma ta' dak li xehed l-istess Sciberras u jirriżerva saħansitra l-posizzjoni tiegħu fil-konfront tal-aġent tagħhom. Hemm ukoll anness mal-affidavit ta' Sciberras* pick-up note *li turi li nġabbru żewġ*

*pallets u wkoll żewġ pakketti. In kontro-eżami Sciberras jikkonferma li l-impjegat tiegħu kien iffirma li rċieva erba'* pallets *bi żball.*

*Jeħtieġ allura li jiġi determinat jekk ir-riċevuta allegatament sottoskritta bi żball mill-impjegat tas-soċjetà intimata (datata 17 t'Awwissu, 2017) tistax isservi bhala konferma tal-merkanzija li ġiet miġbura anke meta sar ilment mir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta (permezz ta' email datata 8 t'Awwissu, 2017). F'dan ir-rigward ukoll it-Tribunal ma jistax ma jinnutax kunflitt ta' provi fis-sens illi loġikament ma jistax ikun li r-riċevuta iffirmata mir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta fis-17 t'Awwissu, 2017 tirreferi għall-istess ordni li dwarha Sciberras kien diġà ilmenta fit- 8 t'Awwissu, 2017. Konsegwentement huwa ċar li l-irċevuta datata 17 t'Awwissu, 2017 ma tistax isservi sabiex, in linea ma' dak eċċepiet mis-soċjetà attriċi, tipprova li s-soċjetà konvenuta rċeviet il-merkanzija kollha inkluża dik mitlufa u li dwarha Sciberras kien diġà ressaq l-ilment tiegħu fit-8 t'Awwissu, 2017.*

*Huwa ċar allura li s-soċjetà attrici ma rnexxilhiex tipprova dak allegat minnha u ċioé li s-soċjetà attriċi rċeviet anke l-merkanzija mitlufa u ffirmat għaliha. Min-naħa l-oħra s-soċjetà konvenuta irnexxielha tipprova li hija ressqet l-ilment tagħha fir-rigward taż-żewġ pakketti neqsin u li kienu inġabru mis-soċjetà attriċi jew min għalihom skont il-*pickup note. *Irnexxielha tipprova wkoll li din il-*claim *ġiet diretta min-naħa tas-soċjetà attriċi lill-aġent tagħha imma l-merkanzija mitlufa baqgħet ma ànstabitx. It-Tribunal jinnota li s-soċjetà attriċi ma ressqet ebda eċċezzjoni għall-kontro-talba konċernanti termini applikabbli skont il-kundizzjonijiet tas-CMR jew limitazzjonijiet relattivi għar-responsabilità jew valur tal-kumpens imma llimitat ruħha filli tiċħad li hija kkunsenjat merkanzija nieqsa. Kif jinsab diversi drabi deċiż it-Tribunal odjern ukoll huwa tenut illi jiddeċidi l-kawżi quddiemu entro l-parametri tat-talbiet u l-eċċezzjonijiet relattivi. Huwa ċar li fil-każ odjern il-kwistjoni kienet limitata għall-argument li l-ammont mitlub mis-soċjetà attriċi m'għandux jitnaqqas bis-somma mitluba permezz tal-kontro-talba u dana in vista ta' riċevuta iffirmata mir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta – allegatament eżebita a fol. 6 tal-proċess, liema riċevuta irriżulta li ċertament ma kienitx tirrigwardja tali konsenja għaliex il-konsenja bil-merkanzija nieqsa kienet diġà waslet għand is-soċjetà konvenuta* ***qabel*** *dik id-data u tressaq l-ilment relattiv għaliha."*

**L-Appell**

7. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat ir-Rikors tal-Appell tagħha fid-29 ta' Mejju, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"…filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar mogħtija fid-9 ta' Mejju, 2019 fejn tilqa' it-talba attriċi fl-ammont ta' elf, mitejn u sitta u tmenin Euro (€1286) tirrevoka u tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn tilqa' il-kontro-talba tal-intimati billi tilqa' l-appell interpost billi tiċħad il-kontro-talba tal-intimati appellati fl-ammont ta' sitt mitt Euro (€600) u tilqa' l-eċċezzjonijiet tar-rikorrenti appellant għal kontro-talba, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija."*

Is-soċjetà rikorrenti tgħid li tħoss ruħha aggravata bid-deċizjoni tat-Tribunal għaliex għalkemm is-soċjetà intimata ssostni li hi ma kinetx irċeviet żewġ pakketti, dawn fil-fatt kienu twasslu għandha u għalhekk l-ebda kumpens ma kien dovut għall-ispiża inkorsa minnha sabiex tinġieb l-imsemmija merkanzija.

**Ir-Risposta tal-Appell**

8. Fir-Risposta tal-Appell is-soċjetà intimata tissottometti li l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż, filwaqt li tiġi kkonfermata s-sentenza appellata u dan għar-raġunijiet hemm imfissra.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

9. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-appell tas-soċjetà rikorrenti, flimkien mar-risposta tas-soċjetà intimata, fid-dawl tas-sentenza appellata.

10. L-appell tas-soċjetà rikorrenti huwa pjuttost sempliċi u jirrigwarda l-allegazzjoni tas-soċjetà intimata, li fuqha straħ it-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu, li hija ma kinetx irċeviet il-merkanzija kollha meta ma twasslux ukoll żewġ pakketti maż-żewġ *pallets* li twasslu lilha mis-soċjetà rikorrenti. Is-soċjetà rikorrenti tispjega li Nicholas Xerxen dejjem sostna li kienu nġabru erba' biċċiet ta' merkanzija u dan kien jirriżulta mid-dokument CMR. Ikkonferma wkoll li s-soċjetà rikorrenti kienet tħallset għall-kunsinna, u rappreżentant tas-soċjetà intimata ċertu Thomas Butterworth, saħansitra ffirma li l-merkanzija kienet waslet għandha *in good order and condition.* Min-naħa tagħha s-soċjetà intimata twieġeb li s-soċjetà rikorrenti kien proprju jaqblilha li tonqos milli tindirizza dik il-parti tas-sentenza fejn dak li qiegħda ssostni ma ġiex aċċettat mit-Tribunal.

11. Fis-sentenza appellata it-Tribunal mill-ewwel josserva li t-talba rikonvenzjonali ma tirrigwardax is-servizz ta' ġarr ta' merkanzija mertu tal-avviż imressaq mis-soċjetà rikorrenti, iżda tirrigwarda servizz ta' ġarr anterjuri, fejn il-merkanzija ma twasslitx kollha lis-soċjetà intimata. It-Tribunal josserva li kuntrarjament għal dak li qal fl-*affidavit* tiegħu Nicholas Xerxen[1], rappreżentant tas-soċjetà rikorrenti, l-ordni li dan jirreferi għaliha, datata 7 ta' Settembru, 2017, ma kinetx dik li għaliha ffirma *delivery note* Thomas Butterworth, u li kopja tagħha hi esebita *a fol.* 6 tal-proċess, għaliex din kienet saret f'data qabel. It-Tribunal jagħmel riferiment għax-xhieda[2] tar-rappreżentant tas-soċjetà intimata Jonathan Sciberras, li jispjega kif intebaħ

[1] *A fol.* 16 u 17 tal-proċess.
[2] *A fol.* 26 u 27.

bil-merkanzija nieqsa wara li x-xufier tiegħu kien ġie lura l-maħżen biż-żewġ pakketti neqsin u esebixxa l-ordni li saret mill-ġdid mis-soċjetà intimata Dok. X[3] u diversi *emails* li ġew skambjati bejnu u bejn Omar Borg mis-soċjetà rikorrenti, fejn dan kien ammetta li kellhom jinġabru żewġ *pallets* u żewġ pakketti wkoll. It-Tribunal osserva li l-istess Jonathan Sciberras xehed in kontroeżami li meta l-impjegat tiegħu ffirma li rċieva erba' *pallets,* dan kien bi żball, iżda rrileva li f'kwalunkwe każ l-irċevuta tas-17 ta' Awwissu, 2017, ma setgħetx tintuża bħala prova mis-soċjetà rikorrenti li s-soċjetà intimata kienet irċeviet il-merkanzija kollha, għaliex ma setax ikun li din kienet tirreferi għall-istess ordni li Jonathan Sciberras kien diġà għamel l-ilment tiegħu dwarha fit-8 ta' Awwissu, 2017. B'hekk sostna li (a) is-soċjetà rikorrenti naqset milli ġġib prova ta' dak allegat minnha, jiġifieri li s-soċjetà intimata kienet irċeviet il-merkanzija li qalet li kienet mitlufa, u saħansitra ffirmat għaliha; u (b) min-naħa tagħha s-soċjetà intimata irnexxielha turi li hija kienet għamlet ilment mas-soċjetà rikorrenti dwar il-merkanzija nieqsa u li din baqgħet ma nstabitx.

12. Il-Qorti tikkondividi l-ħsieb tat-Tribunal. Tibda billi tosserva li l-ordni[4] sħiħa mingħand is-soċjetà intimata magħmula lis-soċjetà estera tidher fis-CMR esebita mis-soċjetà rikorrenti stess flimkien mal-avviż u d-data hemm indikata hija l-21 ta' Lulju, 2017. Minn hawn jirriżulta mhux biss x'kienet l-ordni sħiħa tas-soċjetà intimata, jigifieri żewġ *pallets* u żewġ pakketti, iżda wkoll li bl-ebda mod din għandha x'taqsam mal-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti fir-rigward tas-servizzi reżi minnha skont dak l-avviż, u li saru fis-sena ta' wara.

[3] *A fol.* 38.
[4] *A fol.* 5 u ara wkoll *fol.* 34.

Sewwa innota t-Tribunal li *delivery order* ffirmata fis-17 ta' Awwissu, 2017, ukoll m'għandha xejn x'taqsam ma' dik l-ordni fejn l-ilment dwar nuqqas tagħha sar minn Jonathan Sciberras fit-8 ta' Awwissu, 2017, jiġifieri qabel dik id-*delivery note* ġiet iffirmata.

13. Fl-*affidavit* tiegħu Jonathan Sciberras, ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata, jagħmel riferiment għal *email*[5] li huwa kien irċieva mingħand ċertu Omar Borg, impjegat mas-soċjetà rikorrenti, fl-10 ta' Awwissu, 2017. Minn hawn jirriżulta mhux biss li l-istess Omar Borg kien spjega lil Jonathan Sciberras li *claim* għal oġġett mitluf tibqa' valida sa tliet xhur u jekk il-merkanzija tinstab allura l-imsemmija *claim* taqa', iżda offra s-servizz tagħhom b'xejn fl-eventwalità li s-soċjetà intimata deherilha li għandha terġa' tagħmel ordni mill-ġdid għall-merkanzija mitlufa. Il-Qorti hawnhekk tosserva li l-offerta saret minkejja li t-terminu ta' tliet xhur kien għadu ma ddekorriex. Forsi l-ispjegazzjoni għal dan tinstab fil-korrispondenza[6] li ssegwi dik l-*email* bejn l-istess Omar Borg u l-aġenti tas-soċjetà rikorrenti barra minn Malta. Minn din il-korrispondenza jirriżulta li dawn tal-aħħar kien ġabru biss żewġ *pallets.* B'hekk ma kien hemm l-ebda dubju li ż-żewġ pakketti ma nġabrux. Dan kien fit-8 ta' Awwissu, 2017.

14. Jonathan Sciberras kompla jgħid fl-*affidavit* tiegħu li t-talba rikonvenzjonali hija għall-ħlas tal-merkanzija li ntilfet u li tagħha kellu jagħmel ordni mill-ġdid, kif kien jirriżulta mill-*order confirmation* Dok. JS3 esebit

---

[5] *A fol.* 28 Dok. JS2.
[6] *A fol.* 30.

minnu.[7] Qal li l-pretensjoni kienet biss għall-ħlas ta' €600 rappreżentanti l-valur tal-merkanzija skont dik l-*order confirmation*, iżda mhux għat-trasport għaliex is-soċjetà rikorrenti offriet is-servizzi tagħha b'xejn, għalkemm is-servizz tal-ġarr kien sar minn terz. Il-Qorti tinnota li l-ordni saret fis-7 ta' Settembru, 2017, iġifieri proprju xahar wara l-iskambju ta' korrispondenza bejn il-partijiet u fuq id-dokument jirriżulta li din kienet *re-order* kif xehed l-istess Jonathan Sciberras.[8] Il-valur tal-merkanzija kien fl-ammont ta' €600 sabiex b'hekk jaqbel ma' dak li xehed ir-rappreżentant tas-soċjetà intimata.

15. Għaldaqstant din il-Qorti ssib li l-aggravju tas-soċjetà rikorrenti mhux ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tas-soċjetà rikorrenti billi tiċħdu u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom jitħallsu mis-soċjetà rikorrenti u dawk tal-proċeduri quddiem it-Tribunal għandhom jibqgħu kif deċiżi.**

Moqrija.

---

[7] *A fol.* 37 u 38.
[8] *A fol.* 40.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**